MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2009

Avviz Numru. 146/2009

**Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru numru 843/09MM fl-ismijiet:**

**Karen Gafa' ID 61078(M)**

**Vs**

**Darren Decelis ID 56388(M)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih Darren Decelis wara li ppremetta illi l-esponenti jinstab ai termini tal-Artikolu 836 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta talab lil din il-Qorti tirrevoka totalment jew in parti l-mandat ta' sekwestru odjern ghas-segwenti ragunijiet:

Illi l-mandat odjern jistab jissekwestra l-paga tal-esponet u ghalhekk kull ammont il-fuq minn €699.00 biss jista jigi maqbud. Illi sal-ammont ta' €699.00 ghandu jinghata liberament u ddepositat fil-kont bankarju tal-esponent stante illi l-paga tieghu tigi depositata direttament mill-Kummissarju tal-Pulizija fil-kont bankarju tieghu.

Illi ai termini tal-Aritkolu 836(1)(c) l-mandat ta' sekwestru huwa vessatorju ghaliex l-esponent ghandu assi mmobbli li jaghmlu tajjeb ghall-kreditu pretiz.

Illi ntalab r-rexxissjoni tal-mandat stante li mhux permessibbli jsiru mandati kontra persuni fil-forzi armati tal-Pajjiz ai termini tal-Aritkolu 837(3) (4) tal-Kap 12. Illi in ottemperanza tar-rekwiziti imposti l-esponent jinstab jippresenta dokument A ai termini ta' l-Artikolu 837(5).

Talab ghar-ragunijet esposti li jistghu jigu ikkonfermati fis-smigh tar-rikors ir-revola tal-mandat taht dawk il-kondizzjonijiet li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat kif ukoll id-dokumenti annessi mieghu a fol 5 u fol 7 tal-atti.

Rat id-digriet Taghha preliminari moghti fit-22 ta' April 2009 (fol 9 tal-istess atti).

Rat ir-risposta tal-intimata Karen Gafa' (Fol 10 ibid) u li biha esponiet bir-rispett:

Illi in segwitu ta' Mandat ta' Sekwestru bin-numru u fl-ismijiet premssi, l-intimata Karen Gafa' riedet tikkawtela id-drittijiet spettanti lilha u fil-fatt, kontestwalment mal-istess mandat intavolat kawza sabiex tinfurza id-drittijiet taghha liema kawza, fl-ismijiet premessi, bl-avviz numru 96/2009 JAB, liema kawza tinstab differita ukoll ghad-29 ta' April, 2009 fid-9:00a.m.

Illi, sussegwentement, ir-rikorrenti Darren Decelis pprezenta rikors fl-atti tal-Mandat ta' sekwestru premess,

fis-17 ta' April, 2009 u l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati kif presjeduta rat ir-risposta u ddekretat li l-intimata ikollha jumejn sabiex tintavola r-risposta taghha u ghalhekk, sabiex taderixxi ruhha mal-Onorabbli Qorti, l-intimata qeghda issa tipprezenta ir-risposta tahhha fiz-zmien stabbilit mill-Qorti;

Illi, ir-rikorrenti qieghed, permezz tar-rikors promotur tieghu, jittanta li jiskansa mill-effetti tal-Mandat ta' Sekwestru premess u dana stante li skond hu:

(a) Il-Mandat ta' Sekwestru jissekwestra l-paga tar-rikorrent u ghandu jithallilhu is-somma ta' sitt mija disa' u disghin Ewro (€699.00), b'kull eccess ta din il-paga tigi depozitata fil-kont bankarju tieghu;
(b) Il-Mandat ta' Sekwestru huwa vessatorju ghaliex is-sekwestrat ghandu fil-pussess tieghu beni mobbli li jissuperaw il-kreditu pretiz mir-rikkorenti sekwestranti u dan ai termini tal-Art, 836(1)(c) tal-kap. 12;
(c) l-Mandat ta' Sekwestru ghandu jigi rexiss minhabba l-fatt li ma huwiex permess li jsiru Mandati ta' Sekwestru kontra persuni li huma membri tal-Forzi Armati u dana kif juri id-dokument "A" anness pprezentat ai termini tal-Art, 837(5) tal-kap. 12;

Illi, in vista tal-fuq premess ir-rikorrenti talab ir-revoka tal-Mandat ta'Sekwstru;

Illi, it-talbiet tar-rikrorent huwa kollha irriti, nulli u nfondati fid-dritt u fil-fatt u ghanhom jigu respinti ghar-ragunijiet li ser jigi muriija f'din ir-risposta u waqt it-trattazzjoni tar-rikors;

Illi, l-ewwel nett it-tieni premessa tar-rikorrent hija zbaljata ghal kollox u dan stante li l-Mandat ta' Sekwestru ma jissekwestrax il-paga tar-rikorrent u dan peress li l-Kummissarju tal-Pulizija ma giex interpost bhala sekwestratarju fil-Mandat ta' Sekwestru premess. Huma biss il-banek li gew imsemmijin bhala sekwestratajri tal-flus ivi ddepozitati u mhux il-paga. Il-Mandat ta' Sekwestru ghalhekk ma sarx ai termini tal-Art, 381(1) (a)

u (b). Inoltre anke it-talba kif saret hija nulla ghax ma saritx skond id-dicitura tal-Art. 382(1) tal-Kap. 12 u;

Illi, ghalhekk din il-premessa ghandha tigi skartata;

Illi, it-tielet premess ukoll ghandha tigi respona u dana stante li r-rikorrenti:-

(1) Ma semmiex liema huma l-beni immobbli li lest joffri bhala garanzija ghat-talbiet tal-intimata; u
(2) Aktar importanti minnhekk ma jista jsir ebda Mandat ta’ Inibizzjoni fuq proprjeta’ immobibli meta il-kreditu pretiz ma jammontax ghal aktar. Dan huwa partikolarment importanti f’dan il-kaz stante li propju kien sar Mandat ta’ Inibizzjoni li jigib in-numru 3497/08 mahrug fil-25 ta’ Novembru 2008, fl-istess ismijiet premessi, u wara t-trattazzjoni ghal rikors revoka intavolat mill-istess Darren Decelis, l-Onorabbli Qorti iddekretat li l-Mandat ta’ Inibizzjoni ma setghax jigi mizmum u dana peress li l-kreditu pretiz mill-intimat Karen Gafa’ ma kienx jeccedi l-ammont ta’ hdax il-elf sitt mija sitta u erbghin Ewro u sitta u tmenin centezmu (€11,646.86). Ghalhekk l-intimata, prevja kull dritt li ghanda li tikkawtela id-drittijiet taghha b’Mandat ta’ Sekwestru ma ghandhiex il-beneficcju ta’ kawtela bil-mezz ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni fuq il-propjeta’ immobbli tar-rikorrenti;

Illi, ghalhekk it-tielet premessa hija monka u irritwali;

Illi, ghalhekk din l–ipotesi ghandha ukoll tigi skartata minn dina l-Onorabbli Qorti;

Illi, ir-raba’ premssa tar-rikorrent hija ghall-ahhar fallaci, frovola u vessatorja u dana ghas-segwenti motivi:

(1) Ma jezisti ebda dokument immarkat A annessa flimkien mar-rikors promotur u ghalhekk l-intimata ma tafx ghal x’hiex qieghed jirreferi r-rikorrenti bhala prova necessarji ai termini tal-Art. 837(5) tal-Kap. 12 u ghalhekk ukoll l-intimata titlob l-isfilz tad-dokumenti ivi annessi mar-rikors promotur tar-rikorrent peress li ma ghandhomx

rilevanza ghal kaz u stante li ma humiex riferenzati ma humiex amissibbli;
(2) Subordinatament u minghajr pregudizzju, anke li kieku stess l-Onorabbli Qorti kellha tikkunsidera id-dokumenti bhala prova ammissibli ma jurux li Darren Decelis huwa membru tal-Forzi Armati – semmai, u anke din hija dibattibbli – juru li r-rikorrent huwa membru ta' korp iddixxiplinat. Kemm il-darba il-Forzi Armati huma korp iddixxiplinat, mhux kull korp iddixxiplinat huwa jew hija Forza Armata. F'dan ir-rigward, riferenza issir ghall-Art. 47(1) tal-kostituzzjoni ta' Malta li telenka dak li ghandu jigi kkunsiderat bhala korp iddixxiplinat, u li s-servizz tal-gwardjani tal-Habs tissemma fil-paragrafu (d) tal-istess sub-artikolu;
(3) Subordinatament u minghajr pregudizzju, id-dokumenti lanqas ma juru li Darren Decelis huwa prezentement impjegat bhala tali;

Ghaldaqstant, ghal motivi premessi u l-provi kollha producibbli fl-istadju opportun tal-kawza, l-esponent umilment talab lil dina l-Onorabbli Qorti, joghgobha:

1. Tichad u tirrespingi it-talbiet kollha tar-rikorrent, stante li huma irriti u nulli, frivoli u vessatorji

Bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk ta' din l-istanza, kontra r-rikorrent sekwestrat.

Rat l-atti kollha tal-kaz specjalment id-<u>decizjoni preliminari</u> moghtija fis-27 ta' Mejju 2009 (fol 20 et seq bid) kif ukoll dak verbalizzat a fol 19 ibid kif ukoll waqt is-seduta tal-tnejn (2) ta' Gunju 2009.

Semghet lill-partijiet.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, kif risultanti mill-verbal tas-seduta tal-tnejn (2) ta' Gunju 2009 il-partijiet involuti waslu sabiex jiftehmu in rigward ir-rikors in esami fis-sens illi r-rikorrenti jkun jista' jirtira u jizbanka, kull erba' (4) gimghat ossija kull tmienja u ghoxrin (28) jum dekorribbli mill-17 ta' Gunju 2009, is-

somma ta’ €698.47 mill-kont bankarju li r-rikorrenti jiddetjeni mal-Bank “HSBC Bank Malta p.l.c.”.

Ghaldaqstant, il-Qorti, ghar-raguni premessa, qed tordna u tawtorizza lill-imsemmi Bank sabiex, kull erba (4) gimghat ossija tmienja u ghoxirn (28) jum dekorribbli mill-17 ta’ Gunju 2009 l-imsemmi Darren Decelis jkun jista jizbanka mill-kont bankarju li jiddetjenti mal-istess bank, is-somma ta’ €698.47.

In rigward il-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju in kwisjtoni dan ghandu jibqa’ “in vigore” salv ghal premess.

In rigward l-ispejjes ta’ din il-procedura dawn jigu decizi meta jkun hemm sentenza finali fil-kaz “Karen Gafa’ vs Darren Decelis) (rikors/avviz numru 96/2009 JAB). Ghalhekk il-Qorti Tordna li kopja ta’ dan id-digriet tigi annessi mal-atti tal-kawza li ssemmiet. Tordna ukoll in-notifika ta’ din id-decizjoni lill-Bank “HSBC Bank Malta p.l.c.”.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------